IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.16 (Sitttax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju, 2014 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti u kien hemm xi residenti wkoll.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament. Korrezzjonijiet ma kienx hemm.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Kjarifika: Il-Kunsill qabel li l-ilmenti ma jiġux imsemmija fil-laqgħat tal-Kunsill,imma kull min għandu lmenti jirraporta lill-Kunsill, pero' jekk ikun hemm suġġerimenti ta' xogħol ġdid fix-Xgħajra jiġu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill.

   3.2 Newsletter: Il-Kunsill tkellem fuq in-newsletter u s-Segretarju qal li għalissa għadu ma rċeviex ta' kulħadd ħlief tas-Sinjura Antonia Buttigieg u tas-Sur Anthony Valvo u għalhekk jerġa' jitlob lill-Kunsilliera sabiex jibgħatu l-artikli tagħhom mill-aktar fis. Is-Sinjura Borg ippreżżentat l-artiklu tagħha.

3.3 Kuntratti godda: Is-Sindku qal li l-Kuntrattur tal-Knis issa jidher li qiegħed jidra minkejja li kellu xi diffikultajiet fil-bidu. Għad hemm ilmenti li mhux isir ix-xogħol kif suppost u dawn qiegħdin nibgħatulhom kollox b'email. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bħalissa l-Ministeru qed jibgħatu kenniesa fil-promenade filgħaxijiet sabiex inaddfu fil-ħinijiet ta' filgħaxija.

3.4 Kuntratt tal-ġbir ta' skart: Is-Sindku qal li wara li kellna l-laqgħa ta' aggudikazzjoni tat-tender tal-ġbir ta' skart u l-Kunsill aġġudika l-offerta ta' WM Environmental Ltd, kellna appell mingħand is-Sur Saviour Mifsud u li dan l-appell bħalissa ġie mgħoddi lil PCRB sabiex jiġi evalwat. Għalhekk il-Kunsill kellu jibqa' jaħdem bil-kuntrattur l-antik is-Sur John Grixti. Aktar aġġornamenti fil-laqgħat li ġejjin.

3.5 Telephone Box: Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' tal-GO sabiex jaraw fuq il-possibilta' li tiċċaqlaq it-telephone box ta' Triq il-Knisja. Hu qal ukoll li tal-GO ħadu xi ritratti u qiegħdin jikkunsidraw din it-talba.

3.6 Privat tas-Sajf: Is-Sindku qal li rranġajna mas-Surmast tal-iskola u l-privat beda. Is-Sindku qal ukoll li għal min ikun irid ser ikollna wkoll il-Librerija tal-iskola a dispozizzjoni tagħna tul is-Sajf u din tista' tintuża mir-residenti kollha.

Is-Sinjura Doris Borg qalet li s-Surmast kien tkellem magħha u qalilha li hi ser tkun qed tgħallem fis-Sajf pero' hi ma kienetx taf b'dan u allura riedet spjegazzjoni. Is-Sindku qal li s-Surmast żbalja li tkellem magħha hekk għaliex ma konniex għadna tkellimna.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

4.1 Il-Pagamenti ġew awtorizzati u kien hemm żewġ astenzjonijiet mingħand is-Sur Neil Attard u s-Sinjura Doris Borg. Is-Sur Attard qal li huwa jrid jara l-leave tal-ħaddiema tal-Kunsill.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Bus Shelters: Is-Sindku qal li rigward il-Bus Shelters bgħatna applikazzjoni ġdida lil TM sabiex nitkellmu fuq il-possibilta' li jsiru bus shelters f' Dawret ix-Xatt u fi Triq l-Ispnott u qal li ser ikollna laqgħa fuq il-post sabiex naraw jistgħux isiru.

5.2 Parkeġġ Triq Ras il-Gebel: Is-Sindku qal li l-pjanti tal-proposal iddaħħlu l-MEPA u kopja tagħhom qiegħda l-Kunsill. Il-pass li jmiss huwa li naraw x'ser tkun ir-risposta tal-MEPA. *Aġġornamenti fil-laqgħat li ġejjin.*

5.3 Is-Sindku qal li kellna lmenti li nqatgħu xi blat max-xatt li waqgħu fil-baħar u li ħadna azzjoni mal-Public Works u tellgħuhom mil-baħar. Issa l-pass li jmiss huwa li jkissruhom u joħduhom.

5.4 Xogħol tal-Public Works: Is-Sindku qal li bħalissa qiegħdin jagħmlu xogħol mal-promenade fuq ir-railing pero' s-Sur Joseph Azzopardi qal li x-xogħol mhux isir sew kif suppost. Il-ħadid mhux jitqaxxar sew u għalhekk qiegħed jitfarrak meta jmissu miegħu. Għalhekk ser inkellmu lil Foreman sabiex jieħu azzjoni u x-xogħol isir sewwa mill-ewwel.

Lampi tal-Promenade: Is-Sindku qal li tkellimna mal-Public Works sabiex dawn il-lampi jsiru mill-aktar fis għaliex ilhom ix-xhur maqtugħin. Is-Sindku qal li tkellem mad-Direttur Generali Raymond Farrugia u dan qal li ser isiru. Nistennew li jkollna aġġornament sal-laqgħa li jmiss.

Xogħol ieħor li qiegħdin nistennew mingħand il-Public Works huwa t-tindif tal-Plot tal-Ġvern fi Triq Karmelo Ritchie li dan ser jitnaddaf mil-ħaddiema tal-public works u li ġew ħadu ritratti biex jivverifikaw li hija art tal-Ġvern. Aġġornament fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Neil Attard qal li jekk ma jsirx mil-Public Works huwa ġab kwotazzjoni mingħand il-Milord biex tiġi rrangata dil-plot u qal li tiġi tiswa €1,900 mingħajr il-VAT.

5.5 Is-Sinjura Antonia Buttigieg issuġġeriet li ssir xibka fil-banju ta' fejn tal-Milord minħabba li hemm ħafna lmenti li qiegħdin jidħlu ħafna bram. Għalhekk il-Kunsill qabel li naraw kif nistgħu nagħmlu xibka sabiex nevitaw dan milli jibqa jsehh.

Is-Sinjura Antonia Buttigieg u s-Sur Neil Attard issuġġerew li jsir ristrutturar tal-banju u s-Sur Attard qal li huwa ġab kwotazzjoni mingħand il-Milord li tiswa madwar €23,000 pero' ma kienx hemm qbil li jsir dan ir-ristrutturar.

5.6 Il-Kunsill ftiehem li jsir xogħol ta' fence fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja wara l-blokki tal-ġebel li jiġu fuq il-ground sabiex inneħħuhom. Dan ix-xogħol ser isir aktar il-quddiem.

5.7 Is-Sinjura Antonia Buttigieg issuġġeriet li jsir aktar dawl fil-Fort Park u naraw nistgħux napplikaw sabiex il-lampi li hemm fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja jsiru doppji u jilluminaw ukoll fuq il-fortpark.

5.8 Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' ffriskar tas-sinjali tat-toroq madwar ix-Xgħajra kollha.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

6.1 Attivita' tal-Maratona taz-zfin: Is-Sindku staqsa lil Neil sabiex jagħti rendikont ta' din l-attivita' u kemm inġabru fondi għal Puttinu Cares. Is-Sur Neil Attard qal li l-attivita' ġiet tiswa madwar €500 u l-ġbir għal Puttinu Cares kien dak ta' madwar €67. Aktar dettalji ser jippreżenthom fil-laqgħa li jmiss.

6.2 Ħarġiet Kulturali - Ġurnata Għawdex: Is-Sindku qal li l-mawra ta' Għawdex kienet tajba ħafna fejn żorna l-Mużew tal-Ħaġar u kulħadd ħa gost.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Nuqqas ta' Finanzi: Is-Sindku qal li minkejja bagħtna email bid-dettalji tan-nuqqas fl-allokazzjoni li qiegħed isofri l-Kunsill għadna ma rċevejna xejn lura. Din l-email kienet intbgħatet lil Eks Segretarju Parlamentari tal- Kunsilli Lokali l-Onor. Jose Herrera u lil Onor. Stefan Buontempo s-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali fil-preżent. Għalhekk nerġgħu nibgħatu reminder lil Onor. Buontempo.

Is-Sindku qal ukoll li huwa kiteb lil Onor. Ian Borg fuq il-possibilta li napplikaw għal fondi tal-UE fuq fondi li jgħinu l-Kunsilli fuq faċilitajiet sportivi u dan qallu li ser joħorġu xi proġetti fis-sena 2015 u nkunu nistgħu napplikaw għalihom. Is-Sur Valvo qal ukoll li talab għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-isports l-Onor Chris Agius rigward l-Isports Complex.

7.2 Is-Sinjura Doris Borg qalet li fl-aħħar laqgħa hi ppreżentat il-warrant ta' teacher u li s-Sindku qal dak iż-żmien kienu ngħataw warrants fiż-żmien tal-istrike tat-teachers. Pero' hi ċċarat li daħlet mal-Gvern madwar 12-il sena qabel l-istrike. Is-Sinjura Borg ippreżentat u qrat reference letter tas-Sur Blackman.

IX-XGĦAJRA

Rigward il-Privat mis-Sinjura Doris Borg is-Sindku qal li qiegħed jistenna risposta mingħand id-Direttur fuq Kunsilliera jekk skond il-Kodici ta' Etika jistgħux jagħtu privat f'isem il-Kunsill.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Aġġornament għal-Tlieta, 2ta' Settembru, 2014 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt